

Brussell, 29 ta' Mejju 2020  
(OR. en)

8412/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0100(COD)**

---

---

**ECOFIN 415  
CLIMA 104  
REGIO 138  
FIN 328  
ENV 319  
ENER 189  
COMPET 252  
CADREFIN 108  
CODEC 440**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 28 ta' Mejju 2020

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-  
Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2020) 453 final

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-  
KUNSILL dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu  
ta' Tranżizzjoni Ġusta

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 453 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 453 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020  
COM(2020) 453 final

2020/0100 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni  
Ġusta**

{SWD(2020) 92 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, fejn stabbilixxiet il-pjan direzzjonali tagħha lejn politika ġdida ta' tkabbir għall-Ewropa. Il-politika ta' tkabbir hija bbażata fuq objettivi klimatiċi u ambjentali ambizzjużi u fuq proċessi parteċipattivi li jlaqqgħu flimkien liċ-ċittadini, il-bliet u r-reġjuni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u favur il-protezzjoni ambjentali. F'konformità mal-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 b'mod effettiv u ġust, il-Patt Ekoloġiku Ewropew ippropona Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, biex jipprovdi mezzi biex tiġi affaċċjata l-isfida klimatika filwaqt li ħadd ma jitħalla lura. Dawk ir-reġjuni u n-nies l-iktar vulnerabbli huma dawk li l-iktar jiġu esposti għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Fl-istess ħin, il-ġestjoni tat-tranżizzjoni se twassal għal bidliet strutturali sinifikanti. Liċ-ċittadini u l-ħaddiema se jiġu affettwati b'modi differenti u mhux l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet kollha se jibdeu it-tranżizzjoni mill-istess punt tat-tluq jew għandhom l-istess kapaċità ta' rispons.

Kif spjegat aktar fid-dettall fil-Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa Sostenibbli<sup>1</sup>, adottata fl-14 ta' Jannar 2020, il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta se jiffoka fuq dawk ir-reġjuni u s-setturi li huma l-aktar milquta mit-tranżizzjoni minħabba li jiddependu fuq il-fjuwils fossili, inklużi l-faħam, il-pit u x-shale bituminuż jew il-proċessi industrijali b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra u li għandhom anqas kapaċità li jindirizzaw l-isfidi tat-tranżizzjoni. Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta jikkonsisti minn tliet pilastri: Fond għal Tranżizzjoni Ġusta implimentat taħt ġestjoni kondiviża, skema ddedikata ta' tranżizzjoni ġusta taħt InvestEU, u faċilità ta' self għas-settur pubbliku biex jiġu mmobilizzati investimenti addizzjonali għar-reġjuni kkonċernati.

Il-proposta għall-istabbiliment tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta<sup>2</sup> ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2020. B'mod partikolari hija twaqqaf il-kontenut, ambitu u regoli applikabbli meta jiġi implimentat il-Fond. Il-pjanijiet tranżizzjonali territorjali ġusti huma strumentali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-Fond - il-pjanijiet jenħtieġ li jistabbilixxu l-passi ewlenin u l-iskeda ta' żmien tal-proċess ta' tranżizzjoni u jidentifikaw it-territorji affettwati l-aktar b'mod negattiv mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

Il-proposta għal Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tinkludi wkoll, fl-Anness I tagħha, metodoloġija li se tintuża għall-kalkolu tal-ishma għall-allokazzjonijiet tal-Istati Membri taħt dan il-Fond.

#### **Kamp ta' applikazzjoni u objettiv tal-proposta**

Il-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku ta' din il-proposta tikkostitwixxi t-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta. Se tappoġġa l-investimenti pubbliċi, permezz ta' kundizzjonijiet ta' self preferenzjali. Dawn l-investimenti se jkunu ta' benefiċċju għat-territorji l-aktar affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni klimatika kif identifikat fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta għall-finijiet tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Din il-faċilità se tikkonsisti f'għotja u komponent ta' self. L-għotja, iffinanzjata mill-baġit tal-UE minn dħul assenjat u riżorsi baġitarji, se tnaqqas il-piż finanzjarju għall-benefiċjarji li jirriżulta mir-rimborż tas-self li se jiġi pprovdut minn sieħeb finanzjarju. Filwaqt li l-

<sup>1</sup> COM(2020) 21 final.

<sup>2</sup> COM(2020) 22 final.

komponent tal-għotja ta' EUR 1,525 biljun huwa maħsub li jiġi implimentat mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) bħala s-sieħeb finanzjarju ta' EUR 10 biljun, hija prevista l-possibbiltà ta' kooperazzjoni ma' sħab finanzjarji oħra biex jiġu esplorati aktar modalitajiet oħra ta' kooperazzjoni matul iż-żmien, b'mod partikolari f'każ ta' żieda futura possibbli ta' riżorsi tal-Unjoni, jew f'każ ta' sfidi ta' implimentazzjoni speċifiċi. Permezz tal-kontribuzzjoni ta' EUR 1,525 biljun għall-komponent tal-għotja mill-Unjoni u s-self tal-BEI ta' EUR 10 biljun mir-riżorsi proprji tagħha, il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku għandha l-għan li timmobilizza bejn EUR 25 u 30 biljun ta' investimenti pubbliċi matul il-perjodu 2021–2027. Madankollu, l-entitajiet pubbliċi f'reġjuni inqas żviluppati ġeneralment ibatu minn inqas kapaċità ta' investment pubbliku. Għalhekk, ir-rati tal-għotja pprovduti għal proġetti promossi minn entitajiet bħal dawn għandhom ikunu komparattivament oġhla iżda m'għandhomx jaqbu l-20 % tas-self (jiġifieri l-aktar 5 p.p. ta' kopertura ta' għotja oġhla). Ir-reġjuni inqas żviluppati huma daww b'PDG *per capita* inferjuri għal 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 kif definit skont ir-regoli tal-politika ta' koezzjoni.

Il-programm ta' ħidma għall-faċilità jispeċifika l-kriterji għall-għażla tal-proġetti u għall-prijoritizzazzjoni tagħhom, f'każ li d-domanda taqbeż ir-riżorsi ta' finanzjament taħt l-allokazzjonijiet nazzjonali. Daww il-kriterji jistgħu jiġu spjegati aktar fis-sejħa għall-proposti. Il-kriterji se jqisu l-kontribut tal-proġett għall-objettivi identifikati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, l-objettiv ġenerali tal-promozzjoni tal-konverġenza reġjonali u territorjali u l-kontribut tal-għotja għall-vijabbiltà tal-proġetti. Għandha tingħata prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjoni klimatika. Il-kriterji jistgħu jinkludu wkoll il-prinċipju “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel”, kif definit fir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija<sup>3</sup> u jtennu l-prinċipji u l-gwida msemmija fit-Taqsima 4.2 tal-Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Investment Ewropew għal Patt Ekoloġiku.

L-appoġġ permezz tal-faċilità għandu jkun disponibbli biss għall-Istati Membri b'mill-inqas pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta wieħed stabbilit skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [ir-Regolament JTF] u approvat mill-Kummissjoni bħala parti minn programm jew emenda tal-programm. Biex jiġi żgurat aċċess għall-faċilità, il-komponent ta' għotja għandu jkun disponibbli għal proġetti eliġibbli għall-Istati Membri permezz ta' allokazzjonijiet allokati fil-livell nazzjonali li għandhom jiġu rispettati matul l-ewwel stadju (espress bħala sehem mill-baġit globali disponibbli tal-istrument). Dawn l-ishma nazzjonali se jiġu ddeterminati abbażi tal-metodoloġija tal-allokazzjoni dettaljata fl-Anness I tar-Regolament [ir-Regolament JTF].

Madankollu, biex dan l-objettiv jiġi rrikonċiljat mal-ħtieġa li jiġi ottimizzat l-impatt ekonomiku tal-faċilità u l-implimentazzjoni tagħha, dawn l-allokazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu allokati biss sal-31 ta' Diċembru 2024. Wara din id-data, ir-riżorsi li jifdal tal-appoġġ tal-Unjoni għall-komponent tal-għotja tal-faċilità se jkunu disponibbli mingħajr ebda sehem nazzjonali minn qabel u fuq bażi kompetittiva fil-livell tal-Unjoni. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-BEI se jiżguraw li l-allokazzjoni fost l-Istati Membri matul l-aħħar tliet snin tal-perjodu 2021-2027 jiżguraw il-prevedibbiltà għall-investment, u jseguw l-ħtiġijiet kif ukoll approċċ ta' konverġenza reġjonali.

Il-Faċilità se tappoġġa l-entitajiet pubbliċi u se tkopri firxa wiesgħa ta' investimenti, bil-kundizzjoni li dawn l-investimenti jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-iżvilupp li

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

jirriżultaw mill-isfidi mqajma mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, kif deskritt fil-pjani ta' tranżizzjoni territorjali ġusta. L-għamla ta' dawn l-investimenti se tqis l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Billi tappoġġa investimenti li ma jiġġenerawx biżżejjed dħul u li inkella ma jiksbox appoġġ finanzjarju mingħajr element ta' għotja, il-faċilità għandha l-għan li ttiprovdi lill-entitajiet tas-settur pubbliku b'riżorsi addizzjonali meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni klimatika. Dan se jippermetti wkoll li dawn l-entitajiet pubbliċi jibbenefikaw minn allokkazzjoni oġhla ta' assi pubbliċi biex isiru aktar reżiljenti għal xokkijiet simetriċi u asimetriċi futuri li jinkludu diżastri.

Barra minn hekk, ir-riżorsi huma ddedikati għall-appoġġ konsultattiv biex jiġu promossi t-tnejn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti eliġibbli.

### *Komplementarjetà mal-ewwel u t-tieni pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta*

L-ambitu tal-appoġġ tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (l-ewwel pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta) huwa limitat għal investimenti li jtaffu l-ispejjeż soċjali u ekonomiċi tat-tranżizzjoni klimatika għat-territorji identifikati. Huwa jiffoka fuq id-diversifikazzjoni ekonomika ta' dawn it-territorji u t-taħriġ mill-ġdid, l-assistenza għat-tfittxija tal-impjiegi u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati permezz ta' għotjiet, primarjament. It-tieni u t-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta se jkun jistgħu jappoġġjaw firxa usa' ta' investimenti kemm minn perspettiva settorjali kif ukoll ġeografika sabiex jissaħħu l-azzjonijiet u l-oġettivi tal-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta. Għalhekk se jkun possibbli li jkun hemm kopertura usa' tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp, sakemm l-appoġġ ikun ta' benefiċċju għar-reġjuni identifikati fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali biss.

L-appoġġ taħt il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku se jkun komplementari wkoll għall-prodotti finanzjarji offruti mill-iskema ta' tranżizzjoni ġusta ddedikata taħt InvestEU (it-tieni pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta). Billi dik l-iskema jkollha l-għan li twassal għal investiment privat, u tappoġġa l-investiment pubbliku li jiġġenera biżżejjed dħul biex ikun vijabbli finanzjarjament, il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku se tiffoka fuq investimenti pubbliċi bi dħul insuffiċjenti, li ma jkunx iffinanzjat permezz ta' self mingħajr komponent ta' għotja.

Minħabba d-differenza bejn il-proġetti, il-karatteristiċi ekonomiċi tagħhom u l-benefiċjarji fil-mira, l-interventi taħt it-tliet pilastru għandhom ikunu komplementari.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi ġuridika**

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata bil-paragrafu 1 tal-Artikolu 174 TFUE: “L-Unjoni għandha tiżviluppa u tfittex li ttwettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha. B'mod partikolari, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' daww ir-reġjuni li huma anqas favoriti”.

Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 175 TFUE jipprovdi wkoll li “jekk jinħass il-bżonn li jkun hemm azzjonijiet speċifiċi barra l-Fondi u bla preġudizzju għall-miżuri deċiżi fil-qafas tal-politika l-oħra tal-Unjoni, daww l-azzjonijiet jistgħu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni”.

L-appoġġ tal-Unjoni huwa bbażat fuq l-Artikolu 322, il-paragrafu 1 tat-TFUE: “Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Qorti tal-Awdituri, għandhom jadottaw permezz ta’ regolamenti: (a) ir-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b’mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet; (b) regoli li jipprevedu kontrolli fuq ir-responsabbiltà ta’ atturi finanzjarji, b’mod partikolari uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u uffiċjali tal-kontabbiltà.

- **Sussidjarjetà u proporzjonalità**

L-iskala tal-isfidi mqajma mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u indirizzata mill-Mekkaniżmu ta’ Tranżizzjoni Ġusta teħtieġ azzjoni mill-UE. L-isfida ta’ tranżizzjoni tirrappreżenta dimensjoni u skala fil-livell tal-UE u għalhekk tista’ tiġi indirizzata b’mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE.

B’mod partikolari, il-kapaċità tal-entitajiet pubbliċi li jaċċessaw il-finanzjament, sabiex jiġu implimentati investimenti li ma jiġġenerawx biżżejjed dħul, għandha tissaħħaħ billi jiġi pprovdut appoġġ ta’ għotja.

L-għoti ta’ dan l-appoġġ fil-livell tal-UE, permezz ta’ ġestjoni diretta, jiżgura aċċess ugwali għall-entitajiet pubbliċi mill-Istati Membri kollha għall-benefiċċju tat-territorji l-aktar affettwati b’mod negattiv mit-tranżizzjoni klimatika, kif identifikat fil-pjanijiet ta’ tranżizzjoni territorjali ġusta. Flimkien mas-self ipprovdut mill-BEI, il-komponent ta’ għotja tal-faċilità jżid l-attrazzjoni tal-investimenti kkonċernati għal sorsi jew istituzzjonijiet oħra ta’ finanzjament ukoll.

Barra minn hekk, id-disinn tal-faċilità jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi jipprovidi ishma nazzjonali assenjati temporanjament u livelli differenzjati ta’ appoġġ ta’ għotja skont il-livell ta’ żvilupp tat-territorju kkonċernat.

- **Għażla tal-istrument**

Skont il-proċedura leġislattiva ordinarja kif stipulata fl-Artikolu 175, paragrafu 3, tat-Trattat, l-għażla tal-istrument hija Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

### **3. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT U KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI**

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

F’Mejju u Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposti tagħha għall-baġit fit-tul ta’ wara l-2020 u l-ġenerazzjoni li jmiss ta’ programmi u fondi. Bħala parti integrali minn dan il-proċess, il-Kummissjoni mexxiet sensiela ta’ konsultazzjonijiet pubbliċi li jkopru oqsma ewlenin ta’ nfiq biex tiġbor l-opinjonijiet tal-partijiet interessati kollha dwar kif tagħmel l-aħjar użu minn kull euro tal-baġit tal-UE.

Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-baġit fit-tul tal-UE fil-qasam tal-koeżjoni saret mill-10 ta’ Jannar 2018 sad-9 ta’ Marzu 2018 u rċeviet 4 395 tweġiba. Minn dawk kollha li wieġbu, 85 % ikkunsidraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju u ċirkolari, u kkonfermaw li l-protezzjoni ambjentali u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima huma sfida importanti. Madankollu, 42 % biss ta’ dawk li wieġbu qiesu li din l-isfida hija indirizzata b’mod adegwat mill-programmi/fondi attwali.

Fil-kuntest tan-negozjati dwar il-baġit fit-tul għal wara l-2020, fir-rapport interim tiegħu tal-14 ta’ Novembru 2018, il-Parlament Ewropew sejjaħ għall-introduzzjoni ta’ allokazżjoni speċifika (EUR 4,8 biljun) għal “Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija” ġdid biex

jindirizza l-impatti soċjali, soċjoekonomiċi u ambjentali fuq il-ħaddiema u l-komunitajiet li jintlaqtu ħażin mit-tranżizzjoni minħabba dipendenza fuq il-faħam u l-karbonju.

Din is-sejħa tenniha l-Kumitat tar-Regġuni, li ħareġ opinjoni<sup>4</sup> dwar il-bidla strutturali soċjoekonomika fir-regġuni karboniferi fl-Ewropa, li titlob għall-provvediment ta' fondi addizzjonali biex jgħinu jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tar-regġuni karboniferi. L-opinjoni ssuġġeriet f'dan ir-rigward li jiġu allokati EUR 4,8 biljun għal "Fond għal Tranżizzjoni Enerġetika Ġusta" ġdid, imfassal biex itaffi l-impatt soċjali, soċjoekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni f'dawn ir-regġuni.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill Ewropew enfasizza d-determinazzjoni tiegħu li l-UE tkompli tkun minn ta' quddiem fi tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ekwa u ġusta fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kunsill Ewropew approva wkoll, permezz tal-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, l-oġġettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, huwa approva l-prinċipju li jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta għar-regġuni u s-setturi l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni permezz ta' Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, inkluż Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta, flimkien ma' skema ta' tranżizzjoni ġusta ddedikata taħt InvestEU u faċilità ta' self għas-settur pubbliku.

#### • **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni<sup>5</sup> ġiet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt<sup>6</sup> li vvalidat is-sistema ta' twassil proposta għal dawn il-Fondi.

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat ukoll l-isfidi li jridu jiġu indirizzati mill-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u mill-politika ta' koeżjoni. Hija kkonfermat il-ħtieġa, b'mod konsistenti mar-riżultat tal-konsultazzjoni pubblika, li jingħata appoġġ lil tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u ġusta, permezz ta' oġġettiv speċifiku ta' politika u mekkaniżmu ta' konċentrazzjoni tematika korrispondenti (ara l-Kapitoli 2.2 u 3.2).

Għalhekk l-oġġettiv tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta huwa ġustifikat, peress li għandu l-għan li jggarantixxi tranżizzjoni ġusta tal-enerġija billi jtaffi l-ispejjeż ekonomiċi u soċjali li timplika t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, taħt it-tielet pilastru tiegħu, se jappoġġa t-territorji l-aktar milquta b'mod negattiv, jindirizza l-isfidi tal-iżvilupp miġjuba mit-tranżizzjoni u jipprovdil lill-entitajiet tas-settur pubbliku b'riżorsi biex jinvestu fi proġetti li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

Id-distribuzzjoni mhux uniformi tal-effetti tat-tranżizzjoni tal-enerġija kienu indikati wkoll fil-valutazzjoni tal-impatt (ara l-Kapitolu 3.3). B'mod partikolari, din tal-aħħar enfasizzat l-isfidi li jaffaċċaw ir-regġuni l-aktar milquta minħabba d-dipendenza tagħhom fuq il-produzzjoni tal-fjuwil solidu u s-sehem għoli ta' fjuwils solidi fit-taħlita tagħhom tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. Din il-valutazzjoni tiġġustifika l-konċentrazzjoni proposta tat-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta dwar it-territorji l-aktar milquta b'mod negattiv u l-allokkazzjoni temporanja proposta ta' ishma nazzjonali għall-komponent tal-għotjiet, skont il-metodoloġija proposta taħt il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

---

<sup>4</sup> Il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, Opinjoni dwar il-Bidla strutturali soċjoekonomika fir-regġuni karboniferi fl-Ewropa, sessjoni plenarja Nru 136, 7-9 ta' Ottubru 2019, ECON-VI/041.

<sup>5</sup> COM(2018) 372 final.

<sup>6</sup> SWD(2018) 282 final.

L-elementi tal-analiżijiet u tal-valutazzjoni tal-impatt ta' hawn fuq jappoġġaw l-oġġettivi u l-karatteristiċi ewlenin tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

Il-kamp ta' applikazzjoni tas-setturi li mistennija jibbenefikaw mill-appoġġ għall-investiment huwa kbir ħafna u potenzjalment ikopri l-investimenti pubbliċi kollha li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-entitajiet pubbliċi, li jistgħu jkopru, pereżempju, l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport, in-netwerks tat-tiġn distrettwali, it-trasport pubbliku, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika inkluża r-rinnovazzjoni tal-bini, l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, ir-restawr u d-dekontaminazzjoni tal-art, kif ukoll it-tħarriġ u l-infrastruttura soċjali. L-attivitajiet appoġġati se jiġu identifikati b'mod speċifiku, fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' żvilupp taħt kull pjan ta' tranżizzjoni territorjali ġust.

Din il-proposta hija akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal, li jispjega r-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni għat-twaqqif tal-faċilità, flimkien mal-mekkaniżmi previsti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kisbiet tiegħu.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-baġit totali propost għall-komponent ta' għotja tal-faċilità huwa ta' EUR 1,525 biljun. Huwa previst li dan l-ammont jiġi ffinanzjat primarjament bi dħul assenjat EUR 1,275 biljun u parzjalment b'approprjazzjonijiet iprogrammati skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 għal EUR 250 miljun.

EUR 1 biljun tad-dħul assenjat previst se jirriżultaw mill-bilanċi favorevoli previsti tal-proviżjonament tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) wara l-fażi tal-kostituzzjoni tiegħu, li tintemm fl-2022. Ir-Regolament tal-FEIS jistabbilixxi r-rata ta' proviżjonament tal-garanzija tal-UE ta' EUR 26 biljun għal 35 %, li jirrappreżenta EUR 9,1 biljun li għandhom jinżammu fil-fond ta' garanzija tal-FEIS. Il-kostituzzjoni tal-proviżjonament ġiet iprogrammata fuq l-2015–2020 għall-impenji u l-2016–2022 għall-pagamenti. It-tmiem tal-perjodu ta' investiment ipprovdut mir-Regolament dwar il-FEIS għall-approvazzjonijiet huwa l-31 ta' Diċembru 2020 u l-31 ta' Diċembru 2022 għall-iffirmar tal-kuntratti mill-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) mal-benefiċjarji jew mal-intermedjarji finanzjarji. Ir-rata ta' proviżjonament ta' 35 % ġiet stabbilita abbażi ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni f'Settembru 2016, li stmat telf potenzjali ta' 33,4 %. L-istima attwali ta' telf potenzjali bbażata fuq *data* mill-31 ta' Diċembru 2019 ipprovduta mill-BEI u l-FEI hija taħt dak il-perċentwali. Il-perċentwal aktar baxx ta' proviżjonament huwa prinċipalment dovut għaċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- l-ammont totali ta' sejħiet ta' garanzija ta' EUR 180,2 miljun fl-ewwel erba' snin huwa inqas mis-suppożizzjonijiet konservattivi użati biex jiġi stmat it-telf potenzjali,
- l-ispejjeż reali ta' finanzjament koperti mill-garanzija tal-UE sa issa huma aktar baxxi milli mistenni minħabba l-ambjent ta' rata ta' imġhax li ma jagħmilx ħsara,
- l-iskopertura tal-kambju hija aktar baxxa milli mistenni minħabba ammont kbir għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

F'dan il-kuntest, huwa previst li EUR 1,17 biljun ta' proviżjonament ma jkunux ikkunsmati mill-garanzija tal-UE u, għalhekk, EUR 1 biljun jistgħu jiġu assenjati lill-faċilità proposta. Huwa ppjanat li dan id-dħul jiġi assenjat mill-2023 'il quddiem, ladarba l-portafoll totali tal-FEIS ikun ġie ffirmat mill-BEI u l-FEI u tkun tista' ssir stima aktar preċiża tat-telf potenzjali. Sadanittant, il-kostituzzjoni tal-proviżjonament għall-garanzija tal-FEIS għandha tkompli kif kienet iprogrammata peress li r-rata baxxa ta' telf fl-ewwel erba' snin ma tippreġudikax l-evoluzzjoni futura tal-portafoll tal-FEIS.



L-EUR 525 miljun li jifdal se jkunu parzjalment iffinanzjati minn riżorsi mill-baġit tal-Unjoni, għal ammont ta' EUR 250 miljun fi prezzijiet attwali. Il-proposta se tikkontribwixxi għan-negozjati dwar il-QFP li jmiss u mistennija li tiġi integrata fil-qafas ta' qbil ġenerali dwar il-QFP li jmiss.

Fl-aħħar nett, il-proposta se tkun iffinanzjata minn EUR 275 miljun ta' dħul assenjat mill-ħlasijiet lura mill-istrumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi indikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Ġie propost li jiġu ffinanzjati wkoll EUR 1 biljun tal-proviżjonament tal-programm InvestEU ma' rimborżi mill-istess strumenti finanzjarji. L-istima attwali ta' ħlasijiet lura minn dawk l-istrumenti finanzjarji matul il-perjodu 2021-2032 hija ta' EUR 2,1 biljun, mill-EUR 5,9 biljun ta' assi previsti sal-31 ta' Diċembru 2020, biżżejjed biex tkopri l-ħtiġijiet ta' InvestEU u l-faċilità ta' self għas-settur pubbliku.

F'konformità mal-Artikoli 21(6) u 22 tar-Regolament Finanzjarju, fil-linji baġitarji li jakkomodaw id-dħul assenjat tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku u tal-InvestEU, l-ammont stmat ta' dħul għas-sena li għandu jiġi allokat għall-faċilità ta' self għas-settur pubbliku u għal InvestEU se jiġi indikat rispettivament fir-rimarki ġenerali inklużi fl-abbozz tal-baġit annwali propost mill-Kummissjoni.

Mill-pakkett finanzjarju għall-komponent ta' għotjiet, sa EUR 25 miljun minn dħul assenjat se jiġu allokat għal servizzi ta' konsulenza biex jappoġġaw it-tnejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti eliġibbli.

## **5. ELEMENTI OĦRA**

### **• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-qafas legali jikkonsisti fi proposta apposta għal Regolament dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku u jiffoka fuq il-karatteristiċi li ġejjin:

- l-istabbiliment tas-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-faċilità;
- l-istabbiliment tal-għanijiet tal-faċilità;
- id-dettaljar tar-riżorsi baġitarji u l-aċċess sekwenzjat għal ishma allokat b'mod temporanju f'livell nazzjonali;
- l-istabbiliment tal-metodu ta' implimentazzjoni taħt ġestjoni diretta;
- l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà;
- l-istabbiliment tad-dettalji dwar il-kundizzjoni għat-terminazzjoni tal-ftehimiet ta' għotja;
- id-determinazzjoni tal-forma ta' appoġġ u r-rati ta' għoti applikabbli.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 322 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>7</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>8</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2019<sup>9</sup>, li fasslet il-pjan direzzjonali tagħha lejn politika ġdida ta' tkabbir għall-Ewropa u li tistabbilixxi għanijiet ambizzjużi kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent. F'konformità mal-obiettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 b' mod effettiv u ġust, il-Patt Ekoloġiku Ewropew ippropona Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, biex jipprovdi mezzi biex tiġi affaċċjata l-isfida klimatika filwaqt li ħadd ma jitħalla lura. Dawk ir-regġuni u n-nies l-iktar vulnerabbli huma dawk li l-iktar jiġu esposti għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Fl-istess ħin, il-ġestjoni tat-tranżizzjoni se twassal għal bidliet strutturali sinifikanti.
- (2) Il-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2020 adottat Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa Sostenibbli<sup>10</sup>, li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta li jiffoka fuq dawk ir-regġuni u s-setturi li huma l-aktar milquta mit-tranżizzjoni minħabba li jiddependu fuq il-fjuwils fossili, inklużi l-faħam, il-pit u x-shale bituminuż jew il-proċessi industrijali b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra u li għandhom anqas kapaċità li jindirizzaw l-isfidi tat-tranżizzjoni. Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta jikkonsisti fi tliet pilastri: Fond għal Tranżizzjoni Ġusta implimentat taħt ġestjoni kondiviża, skema ddedikata ta' tranżizzjoni ġusta taħt InvestEU, u faċilità ta' self għas-settur pubbliku biex jiġu mmobilizzati investimenti addizzjonali għar-regġuni kkonċernati.

---

<sup>7</sup> ĠU C , , p .

<sup>8</sup> ĠU C , , p .

<sup>9</sup> COM(2019) 640 final.

<sup>10</sup> COM(2020) 21 final.

- (3) Il-proposta għall-istabbiliment tal-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2020<sup>11</sup>. Għall-iprogrammar aħjar u l-implimentazzjoni aħjar tal-Fond, għandhom jiġu adottati pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusti, li jistabbilixxu l-passi ewlenin u l-iskeda ta' żmien tal-proċess ta' tranżizzjoni u li jidentifikaw it-territorji l-aktar milquta b'mod negattiv mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u b'inqas kapaċità li jindirizzaw l-isfidi ta' tranżizzjoni.
- (4) Għandha tiġi pprovduta faċilità ta' self għas-settur pubbliku (il-“Faċilità”). Dan jikkostitwixxi t-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, li jappoġġja l-entitajiet tas-settur pubbliku fl-investimenti tagħhom. Investimenti bħal dawn għandhom jilhqqu l-ħtiġijiet ta' żvilupp li jirriżultaw minn sfidi ta' tranżizzjoni deskritti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta kif adottati mill-Kummissjoni. L-attivitajiet previsti għal appoġġ għandhom ikunu konsistenti ma' daww appoġġati skont iż-żewġ pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.
- (5) Biex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni ekonomika tat-territorji milquta mit-tranżizzjoni, il-Faċilità għandha tkopri firxa wiesgħa ta' investimenti, bil-kundizzjoni li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-iżvilupp fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, kif deskritt fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta. L-investimenti appoġġati jistgħu jkopru infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport, networks ta' tisħin distrettwali, mobilità ekoloġika, ġestjoni ta' skart intelliġenti, enerġija nadifa u miżuri ta' effiċjenza enerġetika li jinkludu r-rinovazzjoni u l-konverżjonijiet ta' bini, appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, restawr u dekontaminazzjoni tal-art kif ukoll taħriġ mill-ġdid, taħriġ u akkomodazzjoni soċjali. L-iżviluppi fl-infrastruttura jistgħu jinkludu wkoll soluzzjonijiet li jwasslu għal reżiljenza imsaħħa biex tiflaħ għad-diżastri. L-approċċ ta' investment komprensiv għandu jkun preferut b'mod partikolari għal territorji bi bżonnijiet importanti ta' tranżizzjoni. L-investimenti f'setturi oħra jistgħu jiġu appoġġati wkoll jekk ikunu konsistenti mal-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta. Billi tappoġġa investimenti li ma jiġġenerawx biżżejjed dħul, il-Faċilità għandha l-għan li tipprovi lill-entitajiet tas-settur pubbliku riżorsi addizzjonali meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali li jirriżultaw mill-aġġustament għat-tranżizzjoni klimatika. Biex jiġu identifikati investimenti b'impatt ambjentali pożittiv għoli eliġibbli taħt il-Faċilità, tista' tintuża t-tassonomija tal-UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli.
- (6) Għal dan ir-Regolament japplikaw ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz tal-għotjiet, l-akkwist, il-premjju, l-implimentazzjoni indiretta, u jipprovdut għal verifiki dwar ir-responsabilità tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.
- (7) Il-Faċilità għandha tipprovi appoġġ fil-forma ta' għotjiet ipprovduti mill-Unjoni flimkien ma' self ipprovdut minn sieħeb finanzjarju. Il-pakkett finanzjarju tal-komponent tal-għotja, implimentat mill-Kummissjoni b'ġestjoni diretta għandu jieħu l-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, f'konformità mal-Artikolu 125

---

<sup>11</sup> COM(2020) 22 final

tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-“Regolament Finanzjarju”)<sup>12</sup>. Dik il-forma ta’ finanzjament għandha tgħin biex il-promoturi tal-proġetti jkunu jistgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi tal-Faċilità b’mod effiċjenti meta mqabbla mad-daqs tas-self. Il-komponent tas-self għandu jiġi pprovdut mill-Bank Ewropew tal-Investment (“il-BEI”). Il-Faċilità tista’ tiġi estiża wkoll għal sħab finanzjarji oħra li jipprovdu l-komponent ta’ self, fejn ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali għall-komponent ta’ għotja jew fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni korretta.

- (8) EUR [250 000 000] tal-komponent tal-għotja tal-Faċilità mistennija li jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni f’konformità mal-[proposta tal-MFF il-ġdida] għat-tul kollu tal-perjodu finanzjarju, pakkett finanzjarju, li għandu jikkostitwixxi l-ammont primarju ta’ referenza, skont it-tifsira tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta’ Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f’materji marbuta mal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba<sup>13</sup>, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (9) EUR 275 000 000 tal-komponent tal-għotja tal-Faċilità jrid jiġi ffinanzjat permezz ta’ ħlasijiet lura mill-istrumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi elenkati fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament. Dan id-dħul joriġina minn programmi mitmuma indipendenti mill-Faċilità, u għandu jitqies bħala dħul assenjat estern b’deroga mill-Artikolu 21(3)(f) tar-Regolament Finanzjarju abbażi tal-Artikolu 322(1) TFUE.
- (10) EUR 1 000 000 000 tal-komponent tal-għotja tal-Faċilità jenħtieġ li jiġu ffinanzjati minn eċċess prevedibbli tal-proviżjonament għall-garanzija tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi wkoll il-fond Ewropew għal investimenti strateġiċi (ir-“Regolament dwar il-FEIS”)<sup>14</sup>. Għalhekk, għandha ssir deroga mill-punt a) tal-Artikolu 213(4) tar-Regolament Finanzjarju, li jipprevedi obbligu għal kwalunkwe eċċess ta’ provvedimenti għal garanzija baġitarja li għandha tiġi rritornata lill-baġit, sabiex ikun assenjat dak l-eċċess lill-Faċilità. Dak id-dħul assenjat għandu jitqies bħala dħul assenjat estern b’deroga mill-Artikolu 21(3)(f) tar-Regolament Finanzjarju abbażi tal-Artikolu 322(1) TFUE.
- (11) Skont il-punt (c) tal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat estern għandhom awtomatikament jiġu trasferiti għall-programm jew azzjoni suċċessivi. Dik id-dispożizzjoni tippermetti t-tqabbil tal-iskeda pluriennali tad-dħul assenjat mal-perkors ta’ implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-Faċilità.
- (12) Jenħtieġ li jiġu previsti wkoll riżorsi għal appoġġ ta’ konsulenza sabiex jiġu promossi t-tnejn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ proġetti.
- (13) Biex jiġi żgurati li l-Istati Membri kollha jingħataw il-possibbiltà li jibbenefikaw mill-komponent tal-għotjiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu biex jistabbilixxi ishma

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046

<sup>13</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

[http://eur-lex.europa.eu/legal-](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_2013.373.01.0001.01.ENG&toc=OJ:C:2013:373:TOC)

[content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.C\\_2013.373.01.0001.01.ENG&toc=OJ:C:2013:373:TOC](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_2013.373.01.0001.01.ENG&toc=OJ:C:2013:373:TOC)

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta’ Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta’ Proġetti ta’ Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

nazzjonali assenjati li għandhom jiġu rispettati matul l-ewwel stadju, abbażi tal-kriterju ta' distribuzzjoni propost fir-Regolament dwar il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta. Madankollu, sabiex dak l-objettiv jiġi rrikonċiljat mal-ħtieġa li jiġi ottimizzat l-impatt ekonomiku tal-Faċilità u l-implimentazzjoni tagħha, tali allokkazzjonijiet nazzjonali ma għandhomx jiġu allokati wara l-31 ta' Diċembru 2024. Minn hemm' il quddiem, ir-riżorsi disponibbli jifdal għall-komponent tal-ġhotja għandhom jiġu pprovduti mingħajr ebda sehem nazzjonali minn qabel u fuq bażi kompetittiva fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-investment u jiġi segwit approċċ ta' konverġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet u reġjonali.

- (14) Il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u l-kriterji tal-ġhoti speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti fil-programm ta' ħidma u fis-sejħa għall-proposti. Dawk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u l-kriterji tal-ġhoti għandhom iqisu r-rilevanza tal-proġett fil-kuntest tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp deskritti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta, l-objettiv ġenerali tal-promozzjoni tal-konverġenza reġjonali u territorjali u s-sinifikat tal-komponent tal-ġhotja għall-vijabbiltà tal-proġett. L-Appoġġ tal-Unjoni stabbilit minn dan ir-Regolament għandu għalhekk ikun disponibbli biss lill-Istati Membri b'mill-inqas pjan wieħed ta' tranżizzjoni ġusta adottat. Il-programm ta' ħidma u s-sejħa għal proposti se jqisu wkoll il-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ippreżentati mill-Istati Membri biex jiżguraw li tiġi żgurata l-koerenza u l-konsistenza fost il-pilastri differenti tal-mekkaniżmu.
- (15) L-appoġġ taħt din il-Faċilità jenħtieġ li jiġi pprovdut biss lil proġetti li ma jiġġenerawx fluss suffiċjenti ta' dħul proprju li jippermettilhom li jkunu finanzjarjament vijabbli u li jiġu ffinanzjati biss minn self mogħti skont termini tas-suq. Id-dħul proprju għandu jikkorrispondi għal dħul, trasferimenti baġitarji għajr direttament mill-attivitajiet imwettqa mill-proġett, bħal bejgħ, tariffi jew ħlasijiet għall-użu tat-triq u bħala tfaddil inkrementali ġġenerat permezz tat-tiġib tal-assi eżistenti.
- (16) Peress li l-komponent tal-ġhotja għandu jirrifletti l-ħtiġijiet ta' żvilupp diverġenti tar-reġjuni madwar l-Istati Membri, tali appoġġ għandu jiġi mmodulat. Meta wieħed iqis li l-entitajiet tas-settur pubbliku f'reġjuni inqas żviluppati, kif definiti fl-Artikolu 102(2) tar-Regolament [is-CPR il-ġdid], ġeneralment jesperjenzaw inqas kapaċità ta' investment pubbliku, ir-rati tal-ġhotja applikati għal self ipprovdut lil tali entitajiet għandhom ikunu komparattivament ogħla.
- (17) Biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-Faċilità, jista' jkun meħtieġ li jingħata appoġġ konsultattiv għat-tnejnija, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jiġi pprovdut permezz taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU.
- (18) Biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex jiġi żgurat li r-riżorsi jintużaw fil-ħin, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi li għandhom jiġu inklużi fil-ftehimiet ta' ġhotja. Fid-dawl ta' dak l-objettiv, il-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li tkun tista' tnaqqas jew ittemm kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni f'każ ta' nuqqas serju ta' progress fl-implimentazzjoni tal-proġett. Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Biex tiġi żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, ir-Regolament Finanzjarju għandu japplika għall-komponent tal-ġhotja u għar-riżorsi għall-appoġġ konsultattiv ipprovdut taħt din il-Faċilità.
- (19) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE) 2017/1939, jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-

prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impozzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2185/96 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi personali tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF u lill-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), u għandha tiżgura li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (20) Biex jiġu ssupplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-delega ta' ċerti kompiti ta' implimentazzjoni lil aġenziji eżekuttivi kif ukoll l-emenda tal-elementi li jinsabu fl-Anness III ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-aqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (21) Biex jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq għall-komponent ta' għotja ta' din il-Faċilità sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi l-allokkazzjonijiet nazzjonali disponibbli espressi bħala ishma tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Faċilità għal kull Stat Membru skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tar-Regolament [ir-Regolament JTF]. Is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw mingħajr il-proċeduri ta' komitoloġija minħabba li l-ishma jiġu direttament mill-applikazzjoni ta' metodoloġija ta' kalkolu definita minn qabel.
- (22) L-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ingranaġġ tal-investment pubbliku fit-territorji, l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-iżvilupp korrispondenti, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. Ir-raġunijiet ewlenin f'dan ir-rigward huma d-diffikultajiet biex l-entitajiet pubbliċi jappoġġaw l-investimenti, li ma jiġġenerawx biżżejjed flussi ta' dħul proprju u jibbenefikaw mit-territorji l-aktar milquta mit-tranżizzjoni klimatika, mingħajr l-appoġġ tal-UE u l-ħtieġa għal qafas ta' implimentazzjoni koerenti taħt ġestjoni diretta. Billi dawn l-oġettivi jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità,

kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT

## KAPITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

#### *Suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament jipprevedi l-faċilità ta' self għas-settur pubbliku (il-“Faċilità”) bħala appoġġ għall-entitajiet tas-settur pubbliku billi jgħaqqad l-għotjiet mill-baġit tal-Unjoni ma' self mogħti mis-sħab finanzjarji, u jstabbilixxi l-oġġettivi tal-Faċilità. Jistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-komponent tal-għotjiet ta' għajnuna mill-Unjoni mogħtija taħt din il-Faċilità li jkopru b'mod partikolari l-baġit tagħha għall-perjodu 2021-2027, il-forom ta' appoġġ tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà.

Il-Faċilità għandha tipprovdi appoġġ għall-benefiċċju tat-territorji tal-Unjoni li jiffaċċjaw sfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni tal-Unjoni lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050.

### *Artikolu 2*

#### *Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “ftehim amministrattiv” tfisser l-istrument legali li jstabbilixxi l-qafas ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sieħeb finanzjarju li jstabbilixxi l-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi għall-implimentazzjoni tal-Faċilità skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;
2. “benefiċjarju” tfisser entità legali tas-settur pubbliku stabbilita fi Stat Membru bħala korp tal-liġi pubblika, jew bħala korp irregolat mil-liġi privata inkarigati b'missjoni tas-servizz pubbliku, li miegħu jkun ġie ffirmat ftehim ta' għotja permezz tal-Faċilità;
3. “sħab finanzjarji” tfisser il-BEI, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra, banek promozzjonali nazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji li magħhom il-Kummissjoni tiffirma ftehim amministrattiv biex tikkoopera permezz tal-Faċilità;
4. “proġett” tfisser kwalunkwe azzjoni identifikata mill-Kummissjoni bħala eliġibbli, finanzjarjament u teknikament indipendenti, li għandha oġġettiv predefinit u perjodu stabbilit li matulu trid tiġi implimentata u ffinalizzata;
5. “pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta” tfisser pjan stabbilit skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-JTF] u approvat mill-Kummissjoni;
6. “skema ta' self” tfisser self mogħti lil benefiċjarju minn sħab finanzjarji bil-għan li tiġi ffinanzjata ġabra ta' diversi proġetti identifikati minn qabel taħt il-Faċilità.

### *Artikolu 3*

#### *Oġġettivi*

1. L-oġġettiv ġenerali tal-Faċilità huwa li tindirizza l-isfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima għall-

benefiċċju tat-territorji tal-Unjoni identifikati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta mħejjijin mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-JTF].

2. Il-Faċilità għandu jkollha l-objettiv speċifiku li żżid l-investimenti tas-settur pubbliku, li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-iżvilupp għar-reġjuni identifikati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, billi tiffaċilita l-finanzjament ta' proġetti li ma jiġġenerawx biżżejjed fluss ta' dħul proprju u li ma jiġux iffinanzjati mingħajr l-element ta' appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni.
3. Fit-twettiq tal-objettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 2, dan ir-Regolament għandu wkoll l-għan li jipprovdi appoġġ konsultattiv għat-tnejn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti eliġibbli meta meħtieġ. Dan l-appoġġ konsultattiv għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli u l-metodi ta' implimentazzjoni għaċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU stabbilit bl-Artikolu [20] tar-Regolament [ir-Regolament dwar InvestEU].

#### *Artikolu 4*

##### *Baġit*

1. Mingħajr preġudizzju għal riziorsi addizzjonali allokatu fil-baġit tal-Unjoni għall-perjodu 2021-2027, il-komponent tal-għotja ta' appoġġ iprovdut taħt din il-Faċilità għandu jiġi ffinanzjat minn:
  - (a) riziorsi mill-baġit tal-Unjoni li jammontaw għal EUR 250 000 000 fi prezzijiet kurrenti, u
  - (b) dħul assenjat kif imsemmi fil-paragrafu 2 sa l-ammont massimu ta' EUR 1 275 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
2. Ir-riziorsi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jiġu pprovduti permezz ta' ħlasijiet lura li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji stabbiliti permezz tal-programmi elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament sal-ammont massimu ta' EUR 275 000 000, u mis-surplus tal-proviżjonament għall-garanzija tal-UE stabbilita mir-Regolament dwar il-FEIS sal-ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000.
3. Ir-riziorsi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu kkomplementati mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri, minn pajjiżi terzi u minn korpi mhux tal-Unjoni. Dawn ir-riziorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.
4. B'deroga mill-Artikolu 21(3)(f) tar-Regolament Finanzjarju, ir-riziorsi li jirriżultaw mill-ħlasijiet lura msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. B'deroga mill-punt a) tal-Artikolu 213(4) tar-Regolament Finanzjarju, ir-riziorsi li jirriżultaw mis-surplus ta' proviżjonament tal-FEIS imsemmi fil-paragrafu 1(b) għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.
5. Ammont sa 2 % tar-riziorsi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jintużaw għall-assistenza teknika u amministrattiva biex tiġi implimentata l-Faċilità, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, kif ukoll infiq u tariffi amministrattivi tas-sħab finanzjarji.



6. Ir-riżorsi inklużi f'dawk imsemmijin fil-paragrafu 1, li jammontaw sa EUR 25 000 000, għandhom jiġu pprovduti għall-attivitàjiet stabbiliti fl-Artikolu 3(3).
7. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin fi ħlasijiet parzjali annwali.

## **KAPITOLU II**

### **L-APPOĠĠ TAL-UNJONI**

#### *Artikolu 5*

##### *Forom ta' appoġġ mill-Unjoni u metodi ta' implimentazzjoni*

1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut permezz tal-Faċilità għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.
2. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut tpermezz tal-Faċilità għandu jiġi implimentat b'għestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju.
3. Il-Kummissjoni tista' tiddelega s-setgħat lill-aġenziji eżekuttivi biex timplimenta l-kompiti ta' appoġġ tal-Unjoni taħt il-Faċilità, skont l-Artikolu 69 tar-Regolament Finanzjarju sabiex il-Faċilità tkun effiċjenti u għestita bl-aqwa mod.

#### *Artikolu 6*

##### *Disponibbiltà ta' riżorsi*

1. Ir-riżorsi msemmeja fl-Artikolu 4(1), wara t-tnaqqis ta' dispożizzjoni għan-nefqa teknika u amministrattiva msemmeja fl-Artikolu 4(5), għandhom jintużaw biex jiġu ffinanzjati proġetti skont il-paragrafi 2 u 3.
2. Għal għotjiet mogħtija skont sejħiet għal proposti mnedija mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, l-appoġġ mill-Unjoni mogħti għal proġetti eliġibbli fi Stat Membru ma għandux jaqbeż l-ishma nazzjonali stabbiliti fid-deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4.
3. Għal għotjiet mogħtija skont sejħiet għal proposti mnedija mill-1 ta' Jannar 2025, l-appoġġ tal-Unjoni għal proġetti eliġibbli għandu jingħata mingħajr l-ebda sehem nazzjonali preallokat u fuq bażi kompetittiva fil-livell tal-Unjoni, sakemm ir-riżorsi li jifdal jiġu eżawriti. L-għoti ta' dawn l-għotjiet għandu jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-investment u l-promozzjoni tal-konverġenza reġjonali.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-ishma rispettivi għal kull Stat Membru li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-JTF] fil-forma ta' perċentwali tar-riżorsi totali disponibbli.

#### *Artikolu 7*

##### *Ftehimiet amministrattivi mas-šhab finanzjarji*

Il-Kummissjoni u s-sieħeb finanzjarju għandhom jiffirmaw ftehim amministrattiv qabel ma tiġi implimentata l-Faċilità mas-sieħeb finanzjarju msemmi. Il-ftehim għandu jstabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' kull parti fil-ftehim, inkluż dwar arranġamenti ta' awditjar u ta' komunikazzjoni.

## KAPITOLU III ELIĠIBBILTÀ

### *Artikolu 8 Proġetti eliġibbli*

Huma biss dawk il-proġetti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3 u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti hawn taħt li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Unjoni permezz tal-Faċilità:

- (a) il-proġetti jkollhom impatt li jista' jitkejjel meta jindirizzaw l-isfidi soċjali, ekonomiċi jew ambjentali serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jkun ta' benefiċċju għat-territorji identifikati fil-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, anke jekk ma jkunux jinsabu f'dawn it-territorji;
- (b) il-proġetti ma jirċievu l-ebda appoġġ taħt l-ebda programm ieħor tal-Unjoni;
- (c) il-proġetti jirċievu self mis-sieħeb finanzjarju permezz tal-Faċilità; kif ukoll
- (d) il-proġetti ma jiġġenerawx fluss suffiċjenti ta' dħul proprju li jippermettilhom li jiġu ffinanzjati mingħajr l-appoġġ tal-Unjoni.

### *Artikolu 9 Persuni u entitajiet eliġibbli*

Minkejja l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju, l-entitajiet legali tas-settur pubbliku biss li huma stabbiliti fi Stat Membru bħala korp irregolat bil-liġi pubblika, jew bħala korp irregolat mil-liġi privata inkarigat b'missjoni ta' servizz pubbliku, huma eliġibbli biex japplikaw bħala benefiċjarji potenzjali skont dan ir-Regolament.

## KAPITOLU IV GĦOTJIET

### *Artikolu 10 Għotjiet*

1. L-għotjiet għandhom jieħdu l-forma ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju.
2. L-ammont tal-għotja ma għandux jaqbeż il-15 % tal-ammont tas-self ipprovdut mis-sieħeb finanzjarju permezz ta' din il-Faċilità. Għal proġetti li jinsabu f'territorji f'reġjuni ta' livell NUTS 2 bi PDG *per capita* li ma jaqbiżx il-75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27, kif imsemmi fl-Artikolu [102 (2)] tar-Regolament [is-CPR il-ġdid], l-ammont tal-għotja ma għandux jaqbeż l-20 % tal-ammont tas-self ipprovdut mis-sieħeb finanzjarju.
3. Il-pagamenti ta' għotja aġġudikata jistgħu jinqasmu f'diversi pagamenti marbuta mal-progress fl-implimentazzjoni kif stabbilit fil-ftehim ta' għotja.

### *Artikolu 11*

#### *Tnaqqis jew terminazzjoni tal-għotjiet*

1. Minbarra r-raġunijiet speċifikati fl-Artikolu 131(4) tar-Regolament Finanzjarju u wara li jiġi kkonsultat is-sieħeb finanzjarju, l-ammont tal-għotja jista' jitnaqqas jew il-ftehim ta' għotja jista' jiġi tterminat, jekk fi żmien sentejn mid-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja, ma jkunx ġie ffirmat il-kuntratt għall-provvisti, x-xogħlijiet jew is-servizzi l-aktar ekonomikament sinifikanti, f'każijiet fejn il-konklużjoni ta' dan il-kuntratt tkun prevista skont il-ftehim ta' għotja.
2. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jkun ikkombinat ma' skemi ta' self u meta kuntratti ta' provvista, xogħlijiet jew servizzi ma jkunux previsti, il-paragrafu 1 ma għandux japplika.

F'tali każijiet u wara konsultazzjoni mas-sieħeb finanzjarju, l-ammont tal-għotja jista' jitnaqqas jew il-ftehim tal-għotja jista' jiġi tterminat, u kwalunkwe ammont relatat imħallas jista' jiġi rkuprat, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim tal-għotja.

## **KAPITOLU V SERVIZZI TA' APPOĠĠ KONSULTATTIV**

### *Artikolu 12*

#### *Servizzi ta' appoġġ konsultattiv*

1. L-appoġġ konsultattiv skont dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta, f'konformità mar-regoli u l-metodi ta' implimentazzjoni għaċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU stabbilit bl-Artikolu [20] tar-Regolament [ir-Regolament dwar InvestEU].
2. L-attivitajiet meħtieġa biex jappoġġaw it-tnejn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġetti għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ konsultattiv.

## **KAPITOLU VI PROGRAMMAR, MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U KONTROLL**

### *Artikolu 13*

#### *Programmi ta' ħidma*

Il-Faċilità għandha tiġi implimentata permezz ta' programmi ta' ħidma stabbiliti skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-ishma nazzjonali tar-riżorsi, inkluża kwalunkwe riżorsa addizzjonali, għal kull Stat Membru skont l-Artikoli 4(1) u 6 (2) ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 14*

#### *Monitoraġġ u rappurtar*

1. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jżommu taħt monitoraġġ l-implimentazzjoni u l-progress tal-Faċilità fir-rigward tal-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness II.
2. Is-sistema tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data li tirrigwarda l-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1 tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin. Il-

benefiċjarji f'kooperazzjoni mas-sħab finanzjarji għandhom jipprovdu d-*data* lill-Kummissjoni dwar dawn l-indikaturi.

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-Anness II billi tbiddel l-indikaturi msemmijin fil-paragrafu 1.

#### *Artikolu 15* *Evalwazzjoni*

1. L-evalwazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità u l-kapaċità tagħha li tilħaq l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għandhom jitwettqu b'mod f'waqtu biżżejjed biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. L-evalwazzjoni interim tal-Faċilità għandha titwettaq sal-30 ta' Ġunju 2025 meta jkun mistenni li jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-evalwazzjoni għandha turi b'mod partikolari kif l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut permezz tal-Faċilità jkun ikkontribwixxa biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tat-territorji li jimplimentaw il-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.
3. Fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, għandu jiġi stabbilit rapport ta' evalwazzjoni finali dwar ir-riżultati u l-impatt fit-tul tal-Faċilità.

#### *Artikolu 16* *Awditi*

1. L-awditi dwar l-użu tal-appoġġ tal-Unjoni mogħti permezz tal-Faċilità li jitwettaq minn persuni jew minn entitajiet, inklużi oħrajn appartati daww imqabnda mill-Istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.
2. Is-sħab finanzjarji għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lil kull awditur nnominat id-dokumenti kollha disponibbli li huma meħtieġa biex dawn iż-żewġ awtoritajiet iwettqu l-obbligi tagħhom.

#### *Artikolu 17* *L-eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'*data* aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kull att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## **KAPITOLU VII**

### **DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI**

#### *Artikolu 18*

##### *Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità*

1. Il-benefiċjarji u s-sħab finanzjarji għandhom jiżguraw li l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut permezz tal-Faċilità jkun viżibbli, b'mod partikolari meta jippromwovu l-proġetti u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha twestaq azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni dwar il-Faċilità, il-proġetti ffinanzjati u r-riżultati tagħhom. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Faċilità għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġettivi msemmijin fl-Artikolu 3.

#### *Artikolu 19*

##### *Dispożizzjonijiet tranżitorji*

Fejn ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit wara l-2027 biex ikopru l-ħlas ta' pagamenti għall-għotjiet ta' appoġġ mill-Unjoni, previsti skont l-Artikolu 6(2), biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2027.

#### *Artikolu 20*

##### *Id-dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ [...] [fl-għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta

#### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

L-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika bil-kundizzjoni li jiġu approvati l-proposti tal-QFP

#### 1.3. Il-proposta / l-inizjattiva tirrigwarda:

**X azzjoni ġdid**

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja<sup>15</sup>

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew direzzjoni mill-ġdid ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra / ġdida

#### 1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

##### 1.4.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Fit-tieni nofs tal-2020 – l-Adozzjoni tar-Regolament

B'seħħ mill-2020 – It-tħejjija ta' pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta fl-Istati Membri

Fl-ewwel nofs tal-2021 – L-iffirmar tal-ftehim amministrattiv mal-Bank Ewropew tal-Investment

Fl-ewwel nofs tal-2021 – L-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali bħala att ta' implimentazzjoni

Fit-tieni nofs tal-2021 – It-tnedija tal-ewwel sejħiet għal proġetti

##### 1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinholq mill-Istati Membri individwalment.*

L-azzjoni tal-UE għall-faċilità ta' self għas-settur pubbliku (il-“Faċilità”) hija ġġustifikata fuq il-bażi tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 TFUE li jgħid li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi gravi u permanenti.

It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima hija sfida għall-Istati Membri kollha. Dan se jkun partikolarment eżiġenti fuq dawk l-Istati Membri li jiddependu ħafna mill-fjuwils fossili jew minn industriji b'intensità għolja ta' karbonju li se jiġu eliminati b'mod gradwali jew milquta b'mod sever mit-tranżizzjoni, u li ma

<sup>15</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

għandhomx il-mezzi finanzjarji għall-adattament sabiex ikollhom impatt newtrali fuq il-klima. Il-Faċilità tgħin biex tingħeleb l-isfida tat-tranżizzjoni fl-aktar territorji milquta, billi tappoġġa l-investimenti fis-settur pubbliku, permezz ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament preferenzjali.

1.4.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

MHUX APPLIKABBLI

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-Faċilità se tiġi implimentata b'sinerġija u b'komplementarjetà mal-pilastru l-oħra tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, bħall-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (l-1 pilastru) u l-iskema ta' tranżizzjoni ġusta taħt il-programm InvestEU (it-2 pilastru).

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa limitat għall-investimenti li jtaffu l-ispejjeż soċjali u ekonomiċi tat-tranżizzjoni klimatika għat-territorji identifikati. Primarjament jiffoka fuq id-diversifikazzjoni ekonomika ta' dawn it-territorji u t-taħriġ mill-ġdid, l-assistenza għat-tfittxija tal-impjegji u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema affettwati permezz ta' għotjiet. It-tieni u t-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta se jkunu jistgħu jappoġġaw firxa usa' ta' investimenti kemm minn perspettiva settorjali kif ukoll minn waħda ġeografika sabiex jissaħħu l-azzjonijiet u l-oġġettivi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Għalhekk, se tkun possibbli kopertura usa' tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp.

L-appoġġ permezz tal-Faċilità se jkun ukoll komplementari għall-prodotti finanzjarji offruti mill-iskema apposta ta' tranżizzjoni ġusta taħt InvestEU. Filwaqt li din l-iskema tkun tappoġġa investimenti ekonomikament vijabbli, il-Faċilità aktar se tiffoka fuq l-investimenti bi dħul insuffiċjenti li għandhom jiġu ffinanzjati mingħajr il-komponent tal-għotja.

## 1.5. Durata u impatt finanzjarju

### tul limitat

- fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- X Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sa wara l-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

### durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,
- segwit minn tħaddim fuq skala sħiħa.

## 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)<sup>16</sup>

### X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- X mid-dipartimenti tagħha;
- X minn aġenzija eżekuttiva (ara hawn taħt).

### Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

### Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lil pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lil korpi tal-liġi pubblika;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdur garanziji finanzjarji adegwati;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdur garanziji finanzjarji adegwati;
- lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, ipprovdur d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

### Kummenti

Skont l-eżitu tal-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji li se ssir, il-biċċa l-kbira tal-baġit jista' jiġi implimentat permezz ta' delega lil aġenzija eżekuttiva, f'liema każ, il-valutazzjoni tas-sejthiet biss tkun ġestita direttament mid-dipartimenti tal-Kummissjoni.

<sup>16</sup> Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinstabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>



## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-Faċilità se tkun soġġetta għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, sat-30 ta' Ġunju 2025, sabiex jiġu vvalutati l-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza u l-koerenza tagħha u biex jintwera kif l-appoġġ tal-Unjoni se jkun ikkontribwixxa biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-iżvilupp tat-territorji ta' tranżizzjoni ġusta.

Is-sistema ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dan il-għan se jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonat fuq il-benefiċjarji tal-komponent tal-għotja tal-Faċilità.

Dan ir-rappurtar se jkollu wkoll l-għan li jippjana l-iżborż tal-appropriazzjonijiet maqsuma tal-komponent tal-għotja li jkun marbut mal-progress fl-implimentazzjoni, skont il-modalitajiet dettaljati fil-ftehimiet tal-għotja.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-Faċilità se tiġi implimentata b'ġestjoni diretta. Din tista' tiġi ddelegata lil aġenzija eżekuttiva, soġġett għall-eżitu ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u d-deċizzjonijiet relatati li għandhom jittieħdu, bil-ħsieb li tiġi żgurata sensiela soda ta' proġetti.

Il-Faċilità se tiġi implimentata permezz ta' taħlita ta' għotjiet, mogħtija lil benefiċjarji li jkunu wkoll il-mutwatarji tal-komponent ta' self, jew permezz ta' self individwali jew ta' self qafas.

L-istrateġija ta' kontroll se tiġi stabbilita kif xieraq, u se tiffoka fuq tliet stadji ewlenin ta' implimentazzjoni tal-għotjiet, skont ir-Regolament Finanzjarju:

- l-organizzazzjoni ta' sejħiet u l-għażla ta' proposti li jissodisfaw l-oġġettivi tal-politika tal-Faċilità;
- il-kontrolli operattivi, ta' monitoraġġ u *ex-ante* li jkopru l-implimentazzjoni tal-proġett, l-akkwist pubbliku, il-prefinanzjament, il-pagamenti interim u finali, eċċ.
- il-kontrolli *ex-post* tal-proġetti u l-pagamenti.

#### 2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i biex jiġu mmitigati

Ir-riskji identifikati huma dawn li ġejjin:

- id-dewmien fit-tressiq tal-applikazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-oqfsa ta' self;
- id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti;
- l-iżbalji possibbli jew il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE.

Dawn ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'ġabra ta' miżuri:

- l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, minn stadju bikri, u t-tnejn tal-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta;

- l-appoġġ konsultattiv għat-tħejjija ta' proġetti, abbażi tad-domanda;
- l-ottimizzazzjoni tal-organizzazzjoni tas-sejħiet għall-proġetti;
- il-flessibilità baġitarja adegwata, rigward b'mod partikolari l-iżborż ta' pagamenti maqsuma tal-appoġġ b'għotja;
- il-possibilità li jiġu tterminati ftehimiet ta' għotja u li jitnaqqas l-ammont ta' appoġġ b'għotjiet f'każ ta' prestazzjoni u ritmu ta' implimentazzjoni mhux sodisfaċenti fil-proġetti.

Il-kontrolli se jkunu appoġġati b'valutazzjoni tar-riskju annwali minn isfel għal fuq, permezz ta' valutazzjoni sistematika tal-qafas ta' kontroll, rappurtar tad-devjazzjonijiet adegwat (ir-reġistru tal-eċċezzjonijiet u n-nonkonformità) u azzjonijiet korrettivi meħuda fir-rigward ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa mis-Servizz tal-Awditjara Intern tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew mill-Awtorità tal-Kwittanza.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“ispejjeż tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-pagament u fl-għeluq)*

Spejjeż u benefiċċji tal-kontrolli

Bis-suppożizzjoni li l-Faċilità tkun ġestita mill-Kummissjoni, l-ispiża tal-kontroll tista' tkun inqas minn 0,5 % tal-approprijazzjonijiet ta' pagament.

Il-benefiċċji tal-kontrolli huma dawn li ġejjin:

- l-evitar ta' għażliet ta' propositi aktar dgħajfa jew mhux adegwati;
- l-ottimizzar tal-ippjanar u l-użu tal-fondi tal-UE, biex jinżamm il-valur miżjud tal-UE;
- l-iżgurar tal-kwalità tal-ftehimiet ta' għotja filwaqt li jiġu evitati żbalji fl-identifikazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi li huma l-benefiċjarji;
- is-sejbien ta' żbalji li jolqtu l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet fl-istadju tal-awditjar.

Livell ta' żball stmat:

- minħabba li l-Faċilità hija strument ġdid, ir-rata ta' żball ma tistax tiġi stmata b'mod adegwat;
- madankollu fir-rigward ta' programmi simili implimentati taħt ġestjoni diretta, l-iżball residwu stmat jista' jkun fil-medda ta' 1-2 %.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli mill-għotjiet skont dan ir-Regolament huwa impenjat li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità ma' “L-istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi: azzjoni msaħħa għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE” COM(2019) 196 final tad-29 ta' April 2019. Il-miżuri kontra l-frodi jkopru speċifikament l-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwlaunkwe attività illegali oħra; il-verifiki effettivi; l-irkupru tal-ammonti mħallsin bi żball, u jekk jinstabu irregolaritajiet, penali effettivi, proporzjonali u dissważivi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru

2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96 u mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jiżguraw li l-approċċ tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju għall-frodi jintuża biex jidentifika oqsma ta' riskju għoli, filwaqt li jqisu l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji speċifiċi għas-settur, kif ukoll il-ħidma għall-prevenzjoni tal-frodi u l-analiżi tar-riskju tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Il-kuntratti għall-għotjiet u l-akkwist konklużi mid-DĠ ta' eżekuzzjoni se jissejsu fuq mudelli standard, li se jistabbilixxu l-miżuri ġeneralment applikabbli kontra l-frodi, inkluż is-setgħa tal-awditjar, verifiki fuq il-post u spezzjonijiet kif imsemmi aktar 'il fuq. Il-Kummissjoni, ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri se jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha ta' għotja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni.

L-OLAF se jkun awtorizzat li jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament, skont il-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, bil-għan li jistabbilixxi jekk tkunx saret frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim ta' għotja, deċiżjoni jew kuntratt dwar finanzjament mill-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i ta' nfiq ġdid propost

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		Diff. / Mhux diff <sup>17</sup> .	mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>18</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>19</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
03. Riżorsi naturali u ambjent	XX.YY.01 [Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta - Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku]	Differenzjat	LE	LE	LE	LE
	XX.YY.01 [Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta - Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku]	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

<sup>17</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>18</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>19</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	3	“Riżorsi Naturali u Ambjent”
--	---	------------------------------

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Approprijazzjonijiet operattivi (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)	Impenji	(1)	0	0	50,000	50,000	50,000	50,000	50,000		250,000
	Pagamenti	(2)	0	0	50,000	50,000	50,000	50,000	50,000		250,000
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet għall-pakkett tal-programm</b>	Impenji	1+3	0	0	50,000	50,000	50,000	50,000	50,000		250,000
	Pagamenti	=2+3	0	0	50,000	50,000	50,000	50,000	50,000	-	250,000

EUR 250 000 000 mill-pakkett finanzjarju għall-faċilità ta' self pubbliku, permezz tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, se jiġu ffinanzjati b'rispett għal-limitu massimu tal-intestatura 3 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

Il-parti ewlenija tal-pakkett finanzjarju tal-faċilità, jiġifieri l-EUR 1 275 000 000 li jifdal se jiġu ffinanzjati mid-dħul assenjat estern li ġej minn surplus stmati tal-proviżjonament tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u minn ħlasijiet lura minn strumenti finanzjarji. Minn dawn sa EUR 25 000 000 jistgħu jiġu ddedikati għall-attivitajiet ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 3(3) (appoġġ konsultattiv) u EUR 29 700 000 għandhom ikunu ddedikati għan-nefqa amministrattiva, inklużi l-ispejjeż esterni tal-persunal.

It-tqassim indikattiv tan-nefqa (impenji u pagamenti), inkluż il-finanzjament minn dħul assenjat estern huwa kif ġej:

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
	9,100	9,100	600,000	502,000	201,600	101,600	101,600	1 525,000
Li minnhom approprijazzjonijiet ta' nefqa amministrattiva	4,100	4,100	4,100	4,100	4,100	4,600	4,600	29,700

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>7</b>	<b>“Nefqa amministrattiva”</b>
--	----------	--------------------------------

Meta timtela din it-taqsimha jenħtieġ li tintuża “id-*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabel kollox trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li jittella’ fid-DECIDE għal finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani										
Nefqa amministrattiva oħra										
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Impenji totali = Pagamenti totali)									

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji			50,000	50,000	50,000	50,000	50,000		<b>250,000</b>
	Pagamenti			50,000	50,000	50,000	50,000	50,000		<b>250,000</b>

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

- Il-proposta / l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta / l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

<b>INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
<b>Subtotal INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>								

<b>Barra mill- INTESTATURA 7<sup>20</sup> tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>								
Riżorsi umani	1,600	1,600	1,600	1,600	1,600	1,600	1,600	<b>11,200</b>
Infiq ieħor ta' natura amministrattiva	2,500	2,500	2,500	2,500	2,500	3,000	<b>3,000</b>	<b>18,500</b>
<b>Subtotal Barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,600</b>	<b>4,600</b>	<b>29,700</b>

<b>TOTAL</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,100</b>	<b>4,600</b>	<b>4,600</b>	<b>29,700</b>
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew skjerati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

<sup>20</sup> L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

### 3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

- Il-proposta / l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full time*

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
<b>• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni							
Delegazzjonijiet							
Riċerka							
<b>• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti ta' ingaġġ Full Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED<sup>21</sup></b>							
Intestatura 7							
Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali:						
	- fid-Delegazzjonijiet						
Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm <sup>22</sup>	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
Riċerka							
Oħra (dħul assenjat)	20	20	20	20	20	20	20
<b>TOTAL</b>							

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun għe riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji. Il-persunal addizzjonali se jkun persunal estern biss, u se jiġi ffinanzjat minn dħul assenjat biss.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji (persunal eżistenti)	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Żvilupp u strateġija ta' politika</li> <li>• Koordinazzjoni u skambju mal-partijiet ikkonċernati kollha (l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, DĠ oħra u istituzzjonijiet oħra tal-UE, il-fora tematiċi jew reġjonali, eċċ.</li> <li>• L-iżvilupp tal-programm ta' ħidma annwali, il-proċess tal-għażla</li> <li>• It-tfassil ta' sejħiet annwali għal proposti, evalwazzjoni</li> </ul>
Persunal estern	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Appoġġ għall-proċess tal-għażla</li> <li>• Appoġġ għall-ġestjoni tas-sejħiet annwali għall-proposti u l-għażla ta' proġetti għall-appoġġ finanzjarju mill-UE</li> <li>• Appoġġ għall-ġestjoni finanzjarja u tal-proġett</li> <li>• Appoġġ għall-organizzazzjoni tal-evalwazzjonijiet</li> </ul>

<sup>21</sup> AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Espert Żagħżuġ fid-Delegazzjonijiet.

<sup>22</sup> Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operattivi (li qabel kienu l-linji "BA").



### 3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni

Il-proposta / l-inizjattiva:

- ma tipprevedix kofinanzjament tal-għotjiet minn terzi persuni
- tipprevedi l-kofinanzjament minn terzi persuni stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f'EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati								

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta / l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta / l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa X

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta / tal-inizjattiva <sup>23</sup>						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

XX.YY.01 [Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta - Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku]

Kummenti oħra (pereż. il-metodu/il-formula li ntużaw għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kull informazzjoni oħra).

[...]

<sup>23</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li jitnaqqsu 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.